MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 1111/2014

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. [C 113]**

**vs**

**Erom Trading Limited [C 65591] u Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Jeremy Buttigieg li b'digriet tal-24 ta' Marzu, 2015 ġew nominati Kuraturi Deputati għal Darren Casha [detentur ta' karta ta' identità bin-numru 341982M]**

**Il-Qorti,**

Rikors ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Simonds Farsons Cisk p.l.c.** ippreżentat fl-4 ta' Diċembru, 2014 u konfermat bil-ġurament minn Roseanna Micallef (446561M) kif debitament awtorizzata, li permezz tiegħu ppremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija soċjetà pubblika limitata inkorporata taħt l-liġijiet ta' Malta u reġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpanniji bin-numru **"C 113"** u li topera, prinċipalment fl-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-biegħ u d-distribuzzjoni ta' prodotti tax-xorb.*

2. *Illi għal żmien twil, is-soċjetà rikorrenti kienet, fil-kors tan-negozju tagħha, tissupplixxi u tbigħ lis-soċjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited (kumpannija privata limitata stabbilita taħt il-Ligijiet ta' Malta u reġistrata mar-Reġistru tal-Kumpanniji bin-numru C 33174) merkanzija konsistenti fi prodotti tax-xorb fuq ordnijiet tal-istess soċjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited u dan in konnessjoni mal-operat tas-supermarkets **"MORE"** madwar Malta.*

3. *Illi sa Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-istess soċjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited kellha tagħti lis-soċjetà rikorrenti s-somma totali ta' tnax-il elf, sitt mija u tmienja u sittin Euro (€12,668) u dan hekk kif jidher ċar mill-istatements relattivi (kopji hawn annessi u mmarkati bħala "**Dok SF 1–SF 5"**).*

4. *Illi fit-tlettax (13) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u erbatax (2014), is-socjetà rikorrenti ġiet infurmata permezz ta' ittra mibgħuta mill-intimat Darren Casha fil-kapaċità tiegħu bħala direttur uniku tas-soċjetà intimata Erom Trading Limited (soċjetà privata limitata*

*mwaqqfa taħt il-Liġijiet ta' Malta u reġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpanniji nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni anness u mmarkat bħala "**Dok SF 6**"), fejn l-istess intimat Darren Casha (dejjem fil-vesti tiegħu bħala direttur) spjega illi s-soċjetà intimata kienet assumiet responsabbilità assoluta għad-dejn li kellha s-socjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited (kopja ta' din l-ittra ġiet annessa u mmarkata bħala "**Dok SF 7**"). F'din l-ittra hemm indikat b'mod ċar illi "Erom Trading Limited has assumed full responsibility and ownership of the outstanding and future dues of Cassar & Schembri (Marketing) Limited in respect of invoices relating to the provision of goods to the MORE Supermarkets outlets……."*

*5. Illi, konsegwentement, is-soċjetà rikorrenti bdiet tieħu ordnijiet direttament mingħand, u bdiet tissuplixxi u tbigħ direttament, lis-socjetà intimata Erom Trading Limited fir-rigward tal-operat tas-supermarkets "**More**". Illi, eventwalment, is-soċjetà intimata bdiet taqa' lura fil-ħlasijiet tagħha b'konsegwenza illi sal-lum is-soċjetà intimata għandha tagħti lis-soċjetà rikorrenti is-somma totali ta' mija u disa' u sittin elf, seba' mija u seba' u sebgħin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€169,777.48) (u dan kif jirriżulta evidentement mill-istatements li ġew annessi u mmarkati "**Dok SF 8 sa SF 12"** rispettivament), liema ammont huwa apparti l-ammont imsemmi aktar 'il fuq ossija l-ammont ta' tnax-il elf, sitt mija u tmienja u sittin Euro (€12,668) qabel dovut mingħand is-soċjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited u li għalihom kienet assumiet ir-responsabbiltà s-soċjetà intimata Erom Trading Limited.*

*6. Illi, kif jidher mill-istatements li ġew annessi, l-ammont totali li għadu dovut sal-lum huwa ta' mija u tnejn u tmenin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€182,445.48).*

*7. Illi permezz ta' Credit Application Form li sar bejn inter alia s-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà intimata Erom Trading Limited, l-intimat Darren Casha kkostitwixxa ruħu bħala garanti solidali mas-soċjetà debitriċi intimata Erom Trading Limited favur inter alia s-soċjetà rikorrenti (kopja ġiet annessa u mmarkata bħala **"Dok SF 13")**.*

*8. Illi fl-umli fehma tas-soċjetà rikorrenti jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), stante illi l-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u li fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti, l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra l-ħlas tal-imsemmi ammont.*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tisma' u tiddeċiedi din it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*(ii) Tiddikjara li l-intimati solidalment bejniethom huma debituri tas-soċjetà rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c. fis-somma ta' mija u tnejn u tmenin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€ 182,445.48);*

*(iii) Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu solidalment bejniethom lis-soċjetà rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c. l-ammont ta' mija u tnejn u tmenin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u tmienja u erbgħin ċentemu (€ 182,445.48);*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji, u bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv tas-somma kollha dovuta, kontra l-istess intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Rat li fis-seduta tal-24 ta' April, 2015 l-Avukat James D'Agostino ippreżenta nota ta' ammissjoni f'isem il-konvenuti Erom Trading Limited u Darren Casha.

Billi fuq ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati.

**<u>Decide</u>**

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċidi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**
2) **Tilqa' t-tieni talba tas-soċjetà attriċi u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Erom Trading Limited (C65591) u l-konvenut Darren Casha solidalment bejniethom huma debituri tas-soċjetà attriċi Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113) fis-somma ta' mija u tnejn u tmenin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€182,445.48);**
3) **Tilqa' t-tielet talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Erom Trading Limited (C65591) u lill-konvenut Darren Casha sabiex iħallsu solidalment bejniethom lis-soċjetà attriċi Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113) l-ammont ta' mija u tnejn u tmenin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€182,445.48).**

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv tas-somma kollha dovuta.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------